

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Lulju 2016 – Simon vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-70/14 DISS) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Ufficijali — Pensjonijiet — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz tal-Unjoni, skont skema nazzjonali tal-pensjoni — Trasferiment lejn l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni — Proposta ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz — Kunċett ta' att li jikkawża preġudizzju — Inammissibbiltà manifesta — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura)

(2016/C 364/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Anne-Claire Simon (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment minn D. de Abreu Caldas, M. de Abreu Caldas u J.-N. Louis, avukati, sussegwentement minn J.-N. Louis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J. Currall u G. Gattinara, aġenti, sussegwentement minn G. Gattinara, aġent, finalment minn G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet relatati mat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrenti fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni li japplikaw id-dispożizzjoni ġenerali ta' implementazzjoni ġodda (DGI) tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011 u, sussidjarjament, il-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni li rriżultaw minn żmien ta' pproċessar eċċessivament twil tat-talba tagħhom għal trasferiment.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) A.-C. Simon għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 388, 3.11.2014, p. 28.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-20 ta' Lulju 2016 – Belis vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-108/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Ufficijali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni nazzjonali — Proposta ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz — Att li ma jikkawżax preġudizzju — Inammissibbiltà tar-rikors — Talba għal deċiżjoni mingħajr ma jidħol fil-mertu tal-kawża — Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura)

(2016/C 364/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Claudio Belis (Ispra, l-Italja) (rappreżentant: S. Orlandi)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J. Currall u G. Gattinara, sussegwentement minn G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent marbuta mat-trasferiment ta' dawn id-drittijiet fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni rigward l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Claudio Belis għandu jbatis l-ispejjeż rispettivi tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnati mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 26, 26.1.2015, p. 46.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-1 ta' Awwissu 2016 – Cat vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-117/14) (¹)

[Servizz pubbliku — Membri tal-personal bil-kuntratt — Pensjonijiet — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Trasferiment lejn l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba taħt skemi oħra — Deċiżjoni li tirrikonoxxi l-akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz bl-applikazzjoni tad-DGI l-ġoddha dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Perunal — Artikolu 81 tar-Regolati tal-Proċedura — Rikors manifestament infondat]

(2016/C 364/67)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Michel Cat (Cotonou, il-Benin) (rappreżentanti: J.-N. Louis, R. Metz u D. Verbeke, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J. Currall u G. Gattinara, aġenti, sussegwentement minn G. Gattinara, aġent)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoniċi dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni, li tapplika d-DGI l-ġoddha rigward l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU 2015, C 7, p. 56.